MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 36/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anthony Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Sammut talli fil-5 ta' Novembru 2003 u fix-xhur ta' qabel ezercita dritt li jippretendi li kellu meta dahal jarat fil-proprjeta` ta' Micallef f'art maghrufa bhala tal-Qlejgha, Bahrija limiti tar-Rabat minghajr ma kellu dritt li jaghmel dan. U aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tat-28 ta' Ottubru 2003 mill-Magistrat Dr. D. Montebello;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li permezz taghha

sabet lill-imsemmi Anthony Sammut hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Anthony Sammut li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull htija u imputazzjoni u, fin-nuqqas, tvarjaha fis-sens li l-piena inflitta tigi sostitwita b'wahda anqas severa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:-

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta ddecidiet li l-appellant ezercita xi dritt li jippretendi li ghandu bi ksur ta' l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

Issa huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jirritjeni li hu ghandu titolu validu ta' qbiela fuq l-art in kwistjoni u ghalhekk ma

---

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004 u gurisprudenza hemm citata.

hax il-ligi *di braccio privato*. Ighid li dan l-istat ta' fatt ilu jezisti snin twal kif jirrizulta minn diversi rcevuti. Meta fil-5 ta' Novembru 2003 huwa mar bhas-soltu biex jahdem ir-raba', sab lil certu Micallef li oggezzjonalu ghal dan. Mhuwiex minnu li quddiem l-ewwel Qorti huwa ammetta l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett li ghalkemm fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant ighid li ghandu diversi rcevuti, ma jirrizultax li huwa esebihom quddiem l-ewwel Qorti u lanqas talab jew offra li jesebihom quddiem din il-Qorti. Tosserva wkoll li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ma qalitx li l-imputat ammetta l-imputazzjoni izda li "jirrizulta ampjament *ex admissis* li l-imputat effettivament jaf li s-sidien tar-raba' ma jippermettulux jidhol fir-raba' taghhom u li huwa dahal ghaliex jinsisti li ghandu xi dritt". Fil-fatt anke mix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti u r-rikors ta' appell tieghu jirrizulta bhala fatt li l-appellant qieghed jinsisti li fejn mar jahrat kellu kull dritt li jaghmel hekk ghax ghandu titolu.

Mix-xiehda ta' Charles Micallef u Emmanuel Micallef jirrizulta li huma proprjetarji ta' bicca art maghrufa bhala "Tal-Qlejgha" fil-Bahrija u fil-5 ta' Novembru 2003 kienu qeghdin jonsbu fiha meta gie l-appellant u qabad jahrat go fiha. Huma qalu li qabel ma xtraw din l-art kienu jhallsu Lm200 lill-appellant. L-appellant fix-xiehda tieghu qal li hu qatt ma rcieva flus minghandhom izda qal ukoll li kienu talbu lil ommu biex jaghmlu mansab u billi ndikatilhom li *"din it-triq ghandna bzonn nifthu"*, huma gew jaghmlu l-mansab *"u bdew jghinuna nifthu t-triq"*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan hu rikonixximent mill-appellant tal-fatt li l-ahwa Micallef kienu juzaw l-art in kwistjoni bhala mansab.

Ghall-finijiet tar-reat ta’ *ragion fattasi* “il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi” (ara Appell Kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra,** 16 ta’ Lulju 1958 - Vol. XLII.iv.1453). M'hemm l-ebda dubju li fil-kaz in ezami l-imsemmijin ahwa Micallef kellhom "il-pussess materjali" ta' l-art fejn kellhom il-mansab. Humiex il-proprjetarji jew kinux ihallsu l-Lm200 huwa rrilevanti. L-appellant ma kellu l-ebda dritt li, ghax

jippretendi li ghandu titolu ta' qbiela, jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtoritajiet gudizzjarji. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa michud. Pero`, stante li l-appellant gie akkuzat li kkommetta dan ir-reat fil-5 ta' Novembru 2003 "u fix-xhur ta' qabel" mentri mill-provi jirrizulta li kkommettieh biss fil-5 ta' Novembru 2003, il-htija tieghu ghandha tirrispekkja r-rizultanzi.

It-tieni aggravu ta' l-appellant tirrigwarda l-imputazzjoni li huwa sar recidiv. Ighid li l-prova tar-recidiva quddiem l-ewwel Qorti saret billi giet esebita kopja informali ta' sentenza moghtija mill-istess Qorti fit-28 ta' Ottubru 2003, kopja li la hi inizjalata mid-Deputat Registratur u lanqas ma hija kopja legali. Huwa jirreferi ghal sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta u jissottometti li fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova rigward ir-recidiva. Ighid ukoll li s-Surgent li esebixxa s-sentenza, meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, ma setax jikkonferma jekk l-appellant (allura imputat) u l-persuna indikata fis-sentenza esebita kinux l-istess persuna.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati …."*

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Fil-kaz in ezami ma gietx esebita kopja ufficjali tas-sentenza li biha giet addebitata r-recidiva lill-appellant. Minflok giet esebita kopja informali. Huwa veru li forsi din tidher li hi biss teknikalita`, izda fil-fatt hi prova essenzjali li ma tistax lanqas tigi sostitwita b'dak li hemm fil-fedina penali ta' l-appellant ghaliex dan id-dokument mhuwiex l-ahjar prova ufficjali. Ta' min josserva wkoll li ghalkemm il-kopja informali msemmija giet esebita minn P.S. 125 Malcolm Mifsud li, meta xehed quddiem din il-Qorti, qal li jaf li *"nqatghatlu ohra dan l-ahhar, ghal Ottubru tas-sena l-ohra"*, ma jidhirx li kien involut fil-kaz li allegatament tirreferi ghalih l-istess kopja informali. U ghalkemm P.S. 630 Carmel Micallef xehed li kien hu li kien dahhal ir-rapport li ghalih jidher li qed tirreferi l-imsemmija kopja, in kontro-ezami qal li meta xehed quddiem l-ewwel Qorti kien iddikjara li jaf lil Anthony Sammut u jiftakar li kien hemm sentenza pero` *"ma nafx id-data liema kienet"*.

Bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza citata **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, il-Qorti tal-Magistrati m'ghandhiex tipprova taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-mod kif din tikkonduci l-prosekuzzjonijiet taghha. M'ghandhiex lanqas, ghax sentenza precedenti kontra l-istess individwu tkun inghatat minn dik il-Qorti presjeduta mill-istess Magistrat, tissostitwixxi dik il-konoxxenza ghall-htiega tal-prosekuzzjoni li tipprova anke l-imputazzjoni tar-recidiva *beyond reasonable doubt* kif suespost. Fil-kaz prezenti ghalhekk kienet mankanti l-prova mehtiega dwar

it-tieni imputazzjoni. Konsegwentement it-tieni aggravju ghandu jigi milqugh u m'hemmx lok ghalhekk li jigi kkunsidrat it-tielet aggravju.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta u minflok issibu hati talli fil-5 ta' Novembru 2003 ezercita dritt li jippretendi li kellu meta dahal jahrat fil-proprjeta` ta' Micallef f'art maghrufa bhala tal-Qlejgha, Bahrija, limiti tar-Rabat, minghajr ma kellu dritt li jaghmel dan, tirrevokaha wkoll in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta u minflok ma ssibux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal xahar prigunerija u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Lm100 li jithallsu fi zmien sebat ijiem millum u fin-nuqqas jigu konvertiti fi prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------